**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1/ 2 / 3 / 4

# MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 15 TAL-10 LEĠISLATURA

# TAL- KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Il-Laqgħa ssejħet għal nhar it-Tlieta, 13 ta' Mejju 2025 fil-17.30, bl-aġenda segwenti:

| | |
|---|---|
| 15.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji; |
| 15.2 | Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqġħa numru 14; |
| 15.3 | Punti mill-minuti; |
| 15.4 | Komunikazzjoni mis-Sindku; |
| 15.5 | PA 03858/23; |
| 15.6 | Korrispondenza mill-Awtorita tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni għal żvilupp fil-parking area/playing field ta' Triq Parades; |
| 15.7 | Quarter 1 for 2025 Accounts (*Preżentazzjoni mill-Accountant*); |
| 15.8 | Financial Statements for the year 2024 (*Preżentazzjoni mill-Accountant*); |
| 15.9 | Storbju fit-toroq tal-lokalita'/sigurta'; |
| 15.10 | Ħtieġa li jkun hemm kontroll dwar l-ilbies fit-toroq; |
| 15.11 | Talba minn Burmarrad għall-Festa Familja; |
| 15.12 | Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera; |
| 15.13 | Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi; |
| 15.14 | Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti; |
| 15.15 | Aġġornament għal-laqgħa li jmiss. |

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Ċensu Galea fil-17.30hrs.

**Membri Preżenti**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| • Ċensu Galea | *Sindku* | Christopher Vella Petroni | *Viċi Sindku* |
| • Alexander Aguis | *Kunsillier* | Anne Fenech | *Kunsilliera* |
| • Daryl Connor | *Kunsillier* | Rachel Williams | *Kunsilliera* |
| • Alan Bugeja | *Kunsillier* | Joseph M. Attard | *Kunsillier* |
| • Alexandra Smart Costantino | *Kunsilliera* | Mary Borg | *Kunsilliera* |
| • Raymond Tabone | *Kunsillier* | Clevion Micallef | *Kunsillier* |
| • Sandra Gauci | *Kunsilliera* | | |

**15.1 - Qari ta' ittri t'apoloġija**

Ma kien hemm ebda avviż ta' nuqqas ta' attendenza.

**15.2 - Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru 14**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija peress li ntbagħtu fil-ħin. Saru żewġ emendi wara kjarifiċi mressqa mill-kunsilliera Darryl Connor dwar il-punti 14.9 u 14.10, u minn Anne Marie Fenech dwar item 14.8., u mbagħad il-minuti ġew approvati. Ipproponiet il-kunsilliera Rachel Williams u ġew sekondati mill-kunsilliera Sandra Smart Costantino. Il-Kunsill approva bl-emendi mitluba.

**15.3 - Punti mill-minuti**

Dwar il-permessi mitluba mis-Soċjeta Mużikali San Pawl il-Baħar, ser immexxu wara li ntlaħaq arranġament mar-Reġjun, iżda il-permessi ma jinħarġux kollha f'daqqa minħabba li jistgħu jinbidlu xi ċirkostanzi u r-rotot tal-marċi, imma jinħarġu tnejn tnejn.

Fit-12 ta Mejju, għall-attivita' *Light up the Night*, b'rabta mal-Fibromyalgia u l-Myalgic encephalomyelitis, il-faċċata tal-bini tal-Kunsill inxtagħlet vjola u blu.

Dwar il-ftehim tal-użu tal-binja tal-Kunsill bħala Day Centre, u l-ispejjeż tat-transport, is-Segretarju kiteb u talab laqgħa mar-rappreżentanti mal-Ministeru tal-Anzjanita' Attiva. Il-Kunsill qabel li waqt din-illaqgħa issir it-talba għal żjieda fil-kontribut tagħhom biex jiġi koprut ammont ikbar mill-ispejjeż sostanzjali li għandu l-Kunsill biex jipprovdi dan is-servizz.

L-issue tal-vetturi tal-Kunsill ġiet riżolta, għax inqalbu fuq isem is-Segretarju preżenti u nħareġ ukoll il-permess tal-aċċess għal-Magħtab.

Dwar il-kwestjoni tat-talba għal żjieda fil-kera tal-post tal-Kunsill, l-avukat tal-Kunsill huwa maqbud f'ġuri li qed jieħu żmien sostanzjali u għalhekk għad ma setgħax ikun hemm progress fuq it-trattattivi.

Dwar il-pre-decision meeting li nżamm dwar l-iżvilupp f'Burmarrad, is-Sindku rraporta li attenda, u li staqsa jekk il-Kunsillkienx irreġistra xi oġġezzjoni. Il-Kunsill kien fil-fatt innotifika li ried jagħmel rappreżentazzjoni, iżda dan ma jfissirx li kien oġġezzjona. Dan ġie konfermat mill-PA waqt dan il-meeting. Is-Sindku spjega wkoll li peress li il-Kunsill, fil-passat, kien esprima ruħhu pubblikament kontra dan l-iżvilupp propost, ser tinżamm dik il-pożizzjoni. Dan ifisser li l-Kunsill se jivvota kontra, allavolja meta, fl-2020, kien hemm reviżjoni tal-Pjan Lokali li permezz tagħha inbidlet id-designation tal-akkwati li fetħet il-bieb għal dan l-iżvilupp, il-Kunsill ma kienx oġġezzjona. Il-meeting fejn jittieħed il-vot ser ikun fit-22 ta' Mejju 2025.

Fil-15 ta' Mejju 2025, ser ikun hemm il-meeting dwar 03858/23, fejn ma jidhirx li l-Kunsill għandu vot, imma ser inżommu il-pożizzjoni espresso pubblikament mill-Kunsill li huw kontra, minkejja li oġġezzjoni formali qatt ma tressqet.

Rigward il-laqgħa dwar li l-lokazzjoni tal-fish farms issir permanenti minn temporanja, is-Sindku rraporta li attenda u li minbarra il-partijiet interessati u l-awtoritajiet ma kien hemm ħadd ħliefu, u ma kien hemm ebda membru tal-pubbliku.

Dwar l-applikazzjoni tal-Bidnija, min ikun se jattendi l-laqgħa f'isem il-Kunsill (mhux is-Sindku li rrekuża lilu nnifsu minn dan il-każ) se jżomm il-pożizzjoni tal-Kunsill li huwa kontra.

## 15.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku ppreżenta għall-informazzjoni tal-Kunsill, ittra li rċevejna mingħand il-Planning Authority li l-akkwedott tax-Xemxija ġie skedat. Ray Tabone irrimarka li kemm il-darba, fi żminijiet preċedenti kien talab li jsri xi ħaġa dwar dan. Anne Fenech staqsiet għalfejn dan l-akkwedott qed jitħalla fi stat ħażin u jkompli jmur lura, u s-Sindku rrimarka li ġaladarba l-akkwedott issa ġie skedat, il-Kunsill ikun jista, meta jkun hemm l-opportunita', li jippuxxja biex dan ir-restawr ikun jista jsir.

Is-Sindku semma t-talbiet għal riklami fil-fuljetti tal-ktieb li joħorġu l-għaqda tal-armar tal-festa ta' San Pawl il-Baħar, u anki tal-Banda, u l-Kunsill approva li dawn isiru bħal snin preċedenti.

Iż-Żgħażagħ Ġawrin talbu li jorganizzaw car show fi Triq l-Iskola. Il-Kunsill approva imma ħa nota tas-suġġeriment ta' Ray Tabone li niġbdulhom l-attenzjoni biex jilqgħu kontra t-taqtir taż-żejt minn dawn il-karozzi, peress li xi wħud minnhom ikunu klassiċi. Dwar it-talba tagħhom għħal provvista tad-dawl, il-Kunsill qabel ukoll li s-Sindku jitkellem magħhom u mal-iskola biex forsi jinqdew minn hemm.

Irċevejna mingħand l-Awtorita tat-Turiżmu dwar jekk il-Kunsill joġġezzjonax li l-WSC ikomplu xogħolijiet ta' ilma u drenaġġ fi Triq it-Turisti fix-xhur tas-Sajf, wara il-15 ta' Ġunju. Din it-triq għada bla tarmac, imma bil-konkos għax meta saru xogħolijiet ta' cables ma sarx drenaġġ u ilma wkoll waqt li t-triq miftuħa. Il-Kunsill approva li, minħabba fl-urġenza tax-xogħolijiet, u minħabba fl-egħluq tal-pjazza wara s-sajf li toħloq problemi kbar tat-traffiku, ma nagħmlux oġġezzjoni li x-xogħolijiet ikomplu wara l-15 ta' Ġunju. Il-Kunsill ħa nota tal-kumment ta' Ray Tabone li mhux qed ikun hemm koordinazzjoni f'dawn ix-xogħolijiet, u s-suġġeriment ta' Clevion Micallef għal ħtieġa ta' koordinazzjoni. Ġie maqbul ukoll li għanda ssir ongoing public information campaign lir-residenti u negozji tal-akkwati, isir moniteraġġ u koordinazzjoni tad-devjazzjonijiet tat-traffiku, u nagħfsu fuq id-deadlines.

Dwar impjegati tal-Kunsill, is-Sindku fakkar li Alfred Baldacchino wasal biex jispiċċa bl-eta, u li kien spiċċa wkoll ħaddiem ieħor fi żmien il-kunsill preċedenti li għadu ma ġiex impjegat is-sostitut tiegħu, u allura hemm vakanzi għal żewġ persuni, li b'hekk hemm bżonn nibdw il-proċeduri biex nimpjegawhom. Minħabba f'sitwazzjoni ta' ħaddiem ieħor ta' barra, hemm persuna oħra li ma jidħolx għax-xogħol. Kien hemm domandi dwar din is-sitwazzjoni fejn il-persuna eżawriet il-leave u s-sick leave. Is-segretarju intervjena biex din is-sitwazzjoni tiġi ndirizzata fuq livell amministrattiv, u talab il-'comfort' tal-Kunsill biex jibda jieħu ċerta passi, għaliex dan qatt ma ingħata xi forma ta' warning, minkejja li ila għaddejja iktar minn sentejn din is-sitwazzjoni. Il-Kunsill qabel li nimxu hekk, imma irridu naraw li kollox isir kif suppost, u jittieħdu in kunsiderazzjoni l-aspetti kollha, inkluż il-possibilita' ta' problemi ta' saħħa (inkluż mentali) u anki l-allegazzjonijiet ta' mġieba mhux korretta fil-konfront ta' dan l-impjegat. Għaldaqstant il-call trid toħroġ għal tlett vakanzi.

Is-Sindku informa lil Kunsill dwar laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Glenn Bedingfield u uffiċjali oħra li għaliha, min-naħa tal-Kunsill attendew is-Sindku u l-viċi Sindku, Chris Vella Petroni, u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill għandu jirċievi proposta ta' ftehim dwar is-servizz ta' knis fil-lokalita', u meta tiġi din il-proposta tiġi diskussa mill-Kunsill.

Is-Sindku ta' update dwar is-sitwazzjoni tal-bankijiet tal-promenade, li qedin fi stat ħażin, u li t-turiżmu qed jaħdmu fuqha.

Dwar il-pjazza ix-xogħol ma hux miexi b'ritmu sodisfaċenti, fil-laqgħat ta' kull ġimgħa kien qed jingħadilna dejjem li "ma hemm xejn x'nirrapurtaw". Il-Kunsill qabel li għanda tintbagħat ittra pulita dwar l-i*state of play* tax-xogħolijiet. Is-Sindku qal ukoll illi se jqajjem dan il-każ meta jiltaqa mas-CEO ta' Transport Malta. Anne Marie Fenech ippropniet li ntellgħu tabella biex javżaw lil

min ikun miexi hemmhekk biex joqgħod attent.Is-Sindku qal li din il-proposta se tiġi inkluża fl-ittra li se tintbagħat. Qal ukoll li l-laqgħat ser jibdew isiru darba fix-xahar.

**15.5 PA 03858/23**

Dan il-punt ġie diskuss waqt Item **15.3**

**15.6 Korrispondenza mill-Awtorita tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni għal żvilupp fil-parking area/playing field ta' Triq Parades**

Is-Sindku ppreżenta komunikazzjoni mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar, fejn il-Kunsill qed jiġi mitlub jikkonferma l-applikazzjoni għal-żviluppfl-area tal-parkeġġ ta' bejn Triq San Pawl u Triq Parades (wara SPAR), applikazzjoni li kienet saret oriġinarjament fit-2003, u li ġiet diskussa diġa f'laqgħat preċedenti tal-Kunsill. Il-Kunsill sa issa żamm din l-applikazzjoni miftuħa, u wara din l-aħħar korrispondenza, saret laqgħa mal-Awtorita' tal-Ippjanar mas-Sindku u s-Segreatrju, li għaliha attenda wkoll il-Perit li kien oriġinarjament responsabbli minn din l-applikazzjoni, il-Perit Robert Sant. F'din il-laqgħa il-Kunsill ingħata xahrejn żmien biex jirrispondi jekk hux se nżommu l-applikazzjoni jew le. Is-Sindku rraporta wkoll li waqt din il-laqgħa kien hemm suġġeriment illi l-applikazzjoni tiġi amendata biex isir żvilupp ta' żewġ livelli ta' parkeġġ, li l-bejt tagħhom jiġi livella ma' Parades u jsir open area (ġnien u/jew playing field), u l-latrina eżistenti tiġi nkorporata fl-iżvilupp. Is-Sindku ippropona din il-way forward u ppropona wkoll li jinżamm l-istess perit li kien għamel l-applikazzjoni oriġinali. Semma wkoll il-fatt illi f'każ li din l-applikazzjoni tiġi approvata, ikunu jistgħu jintużaw fondi mill-Urban Improvement Fund.Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

**15.7 Quarter 1 for 2025 Accounts (*Preżentazzjoni mill-Accountant*)**

L-accountant Adam Vella ppreżenta l-balance sheet tal-ewwel tlett xhur tal-2025 kif anness, u rrimarka illi meta wieħed jestrapola l-accounts tat-tlett xhur, jidher li l-Kunsill qiegħed on track and within budget. Per eżempju id-dħul ta' dawn l-ewwel tlett xhur, li kien ta'565,000 ewro, li huwa ftit iktar minn dak previst, filwat li l-infieq qiegħed in line.B'dan ir-ritmu il-budget jinżamm u jkun hemm surplus, liema surplus il-Kunsill kien diġa ddeċieda li jmur għal proġetti kapitali. Wara li ingħatat spjegazzjoni komprensiva ta' dawn il-kontijiet, fuq proposta ta' Anne Marie Fenech, issekondata minn Alex, il-Kunsill approva r-apport finanzjarju għas-sena 2024 unanimament, ħlief għall-astensjoni ta' Ray Tabone, li kkwalifika l-astenzjoni tiegħu minħabba l-fatt li huwa ma kienx għadu inħatar kunsillier fil-perjodu.

**15.8 Financial Statements for the year 2024 (*Preżentazzjoni mill-Accountant*)**

L-accountant Adam Vella ppreżenta r-rapport finanzjarju tal-2024, kif annessi. Beda biex ġibed l-attenzjoni wkoll li wasal ir-rapport tal-awdituri dwar is-sena preċedenti, li kien fih ftit korrezzjonijiet relatati ma' invoices li daħlu wara l-aħħar tas-sena. Kien hemm ukoll adjustment li talab l-accountant dwar il-kontijiet tal-playing field ta, Cassarino, speċifikament il-15% li l-Kunsill qed jaqta mill-invoices. Kien hemm ukoll adjustment dwar 26,000 euro li kienu jidhru bhala receivable minghand l-MTA dwar Triq San Franġisk, iżda dawn tneħħew għax kienu daħlu. Is-sena 2025 weriet telf qawwi, ta' 927, 464 ewro, imma dan huwa riżultat ta' dak li ħallas il-Kunsill fil-każ tal-inċident ta' Fraben. Fuq proposta ta' Rachel Williams, issekondata minn Alex Agius, il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju għas-sena 2024 unanimament, ħlief għall-astensjoni ta' Ray Tabone, li kkwalifika l-astenzjoni tiegħu minħabba l-fatt li huwa ma kienx għadu inħatar kunsillier fil-perjodu.

**15.9 Storbju fit-toroq tal-lokalita'/sigurta'**

Wieħed minn żewġ suġġetti li talab is-Sindku li jiġu diskussi.Kien hemm roundtable discussion. Tqajjmu diversi punti fosthom: ir-responsabbilta' tal-pulizija; in-nuqqasijiet fil-liġi; possibilita' ta' signage; mhux kulħadd għandu l-istess permess għall-istess ħin; possibilita' ta bye-law; kooperazzjoni through goodwill permezz ta' djalogu man-negozji, bars u hotels, biexjistgħu jaħdmu mingħajr ma jdejjqu lir-residenti;li l-problema ma hix ta' San Pawl il-Baħar biss iżda waħda komuni fil-postijiet turistiċi u ta' divertiment, u jinkludi anki spill-over ta' nies mill-barijiet għat-triq. Issemma wkoll il-fatt li n-negozji tal-lokalita iridu jaħdmu iktar fis-sajf għax fix-xitwa ma jkunx hemm business. Pero minkejja li stabbiliment ikollu permess sa ċerta ħin, xorta il-pulizija tista twaqqaf il-mużika jekk ikunu qed idejjqu r-residenti. Issemma wkoll il-fatt li l-istorbju ma hux ġej biss mill-mużika, iżda anki minn bowsers, u mit-traffiku tal-bypass, speċjalment mill-muturi; u l-possibilita' ta' sound baffles, jew anki siġar, mal-bypass. Issemmew ukoll il-parties informali li qed jigu organizzati minn gruppi ta' nies madwar ix-xatt u li jkollhom ukoll mużika għolja. Meta spiċċat ir-roundtable, is-Sindku ppropona żewġ affarijiet - li huwa jmur jitkellem mas-sidien, imma irid ikollu l-kunsens tal-Kunsill, bi trasparenza assoluta, biex ma jkun hemm ebda dell mitfugħ fuq dawn il-laqgħat, u l-obbligu tal-feedback; u li s-sindku jipprepara abbozz ta' ittra biex tintbagħat lill-awtoritajiet konċernati u jressaqa quddiem il-Kunsill, u li tinkludi wkoll il-bypass. Il-Kunsill qabel.

**15.10 Ħtieġa li jkun hemm kontroll dwar l-ilbies fit-toroq**

Kien hemm roundtable discussion oħra u tqajjmu diversi punti, fosthom: li qed ikun hemm ħafna nies li ikomplu jimxi madwar it-toroq bil-malji, u anki iktar 'revealing', u saħansitra jidħlu fil-ħwienet u żoni residenzjali. Dan m'għandux ikun, l-ilbies tal-beach huwa tal-beach u mhux tal-bankina; il-possibilita' ta' signage bħal ma sar fil-Mellieħa; id-definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi diċenza; il-possibilita' ta' bye law biex jiġu stabbilit parametri ta' żoni u x'inhu mistenni bħala ilbies diċenti; li irridu nimxu maż-żminijiet; li din hija sitwazzjoni teżisti fiż-żoni turistiċi fid-dinja kollha; li s-sidien ta' stabbilimenti għandhom ikellmuhom ukoll. Il-Kunsill qabel li nibdew naħdmu fuq tabelli bil-Malti u bl-Ingliż kemm dwar l-ilbies u kemm dwar id-diċenza, u nidentifikaw fejn l-aħjar li jitwaħħlu.

**15.11 Talba minn Burmarrad għall-Festa Familja**

Il-Kunsill approva donazzjoni ta' elfejn (2000) ewro.

**15.12 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kien hemm ebda mistoqsija mill-Kunsilliera

**15.13 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi**

Ma kienx hemm

**15.14 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

Is-Sindku ġibed l-attenzjonigħal żewġ affarijiet: Item 2120 li qed jidher bħala hospitality goods, fil-fatt huwa ta' xiri ta' ilma, u dan ser jiġi kkoreġut fuq l-iskeda biex jidher bħala supply of water; u dwar kont li jidher bħala Item 3053 tal-latrina ta' 6590 ewro li ma hux skont it-tender u qabel jitħallas irid ikun iċċarat eżatt ta' xiex, speċjalment peress li l-latrina ta' ħdejn il-breakwater li ila magħluqa għax ma kienx hemm aċċess minħabba xogħolijiet. Is-Sindku ippropona li dan ma jitħallasx sakemm issir il-verifika. Il-proposta li l-iskeda tiġi approvata mill-Kunsill bl-emenda li ressaq is-Sindku dwar Item 2120, u li Item 3053 ma jitħallasx sakemm isiru il-verifiċi neċessarji, ġiet imressqa minn Sandra Gauci u sekondata minn Ray Tabone.

**15.15 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fit-19.40 u aġġornat għal nhar it-Ħamis 12 ta' Ġunju, fil 17.30

| | |
|---|---|
| _FFIRMATI__ | FFIRMATI |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |
| **Martin Bugelli** | **Ċensu Galea** |